# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis 11 ta' Lulju 2024

**Numru 7**

**Rikors Numru 587/23TA**

**Joseph Brown (ID. 534050(M))**
**vs**
**L-Avukat ta' l-Istat u L-Awtorita ta' l-Artijiet**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Joseph Brown (ir-rikorrent) tat-23 ta' Novembru 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> Illi l-intimata Awtorita ta' l-Artijiet kienet kriet lis-soċjeta' Joe Brown Limited (C 12145) il-fond maħżen bl-indirizz 8, Triq Marsamxett, Valletta (tenement nru 061234). L-esponent huwa l-uniku direttur ta' din is-soċjeta'. Presenzjalment din is-soċjeta' tidher bħala stralċjata però hemm proċeduri inizzjati mill-epsonent quddiem il-Qorti tal-Kummerċ biex jottjeni dikjarazzjoni li s-soċjeta' għandha terġa tiġi imdaħħla fir-Reġistru tal-Kumpaniji liema proċeduri għadhom pendenti quddiem dik il-Qorti[1].
>
> Illi fit-13 ta' Lulju 2022 l-Awtorita' intimata pproċediet b'ittra uffiċjali a tenur ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 573 kontra l-esponent biex ikollha titolu eżekuttiv biex tkun tista' tiżgumbrah mill-fond 8, Triq Marsamxett, Valletta.

[1] Il-proċeduri huma fl-ismijiet ***Joseph Brown vs Registratur tal-Kumpaniji (73/22) ISB*** u differiti għat-22 ta' Jannar 2024.

Illi l-esponent ikkontesta tali ittra skont il-liġi permezz ta' rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Dawk il-proċeduri kellhom in-numru 61/22 u ġew deċiżi finalment mill-Qorti ta' l-Appel (Sede Inferjuri) nhar it-22 ta' Novembru 2023 fis-sens illi l-esponent ġie ordnat jiżgombra.

Illi waqt dawk il-proċeduri rriżulta illi l-Awtorita' intimata ipproċediet kontra l-esponent Joseph Brown peress illi s-soċjeta' Joe Brown Limited lil min kien mikri l-maħżen in kwistjoni kienet ġiet stralċjata.

Illi konsegwentement il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza għall-appell mill-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tenniet hekk:

"19. Il-Qorti tirrileva li l-Awtorità tal-Artijiet, ma setgħetx tintavola ittra uffiċjali fejn titlob l-iżgumbrament minn fond ta' persuna li ma teżistix. Tfakkar għal darb'oħra li dak li qiegħed jiġi kkontestat b'dawn il-proċeduri hija l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Lulju, 2022, indirizzata lill-appellant personalment wara li nstab li kien l-appellant innifsu li kien qiegħed jokkupa l-fond li minnu qiegħed jintalab l-iżgumbrament. Meta ntbagħtet dik l-ittra uffiċjali, il-kumpannija Joe Brown Limited kienet diġà ġiet maqtugħa minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, u kien biss wara li saret in-notifika tal-ittra uffiċjali mibgħuta mill-Awtorità tal-Artijiet li nbdew il-proċeduri sabiex Joe Brown Limited terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru. Sallum ma jirriżultax li dawk il-proċeduri ġew fi tmiemhom. Ċertament li l-appellata ma setgħetx tipproċedi kontra persuna legali li fil-mument li ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali ma kinitx għadha teżisti. Setgħet tipproċedi biss kontra min instab li qiegħed jokkupa l-fond mingħajr ebda titolu."

Illi l-esponent jiġġestixxi negozju ta' bejgħ ta' xorb minn ħanut "Muscat", 231, Triq Repubblika, Valletta u mingħajr dan il-maħżen, jekk jiġi żgumbrat minnu, ser ikollu jtemm in-negozju għaliex mhux se ikollu fejn jaħżen l-istock.

Illi fil-frattemp ingħatat sentenza minn din il-Qorti fl-ismijiet ***Carmel Cortis et vs L-Onor Prim Ministru et***[2] fejn ġie deċiż illi l-Artikolu 325 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi kif kumpanija tista' tiġi stralċjata u kif il-proprjetà ta' tali kumpannija stralċata tgħaddi f'idejn il-gvern ta' Malta jilledi d-drittijiet ta' l-azzjonisti kif sanċiti fl-arikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Dik il-Qorti ordnat illi l-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-reġistru anke nonostante li kien għadda t-terminu biex wieħed seta' jipproċedi għal hekk fil-Qorti tal-Kummerċ. Din hija sentenza li ingħatat fuq talba għal referenza kostituzzjonali kif qed jintalab f'dan ir-rikors. Il-Qorti qalet hekk:

"44. Di piu,' ir-rikorrenti sabu li tilfu l-interess patrimonjali tagħha mingħajr kumpens għaliex il-liġi imkien ma tipprovdi għal dan. Issa l-kumpens huwa prinċipju antik li jirrisali għal qabel il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni tant li artikolu 321 tal-Kodiċi Ċivili u ħafna qabel il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni kien diġa' jiddisponi li "Ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jitlaq minn idejh il-proprjetà tiegħu jew

[2] Deċiża mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) per Imħallef Toni Abela fit-12 ta' Ottubru 2023.

iħalli li ħaddieħor jagħmel użu minnha, ħlief għal skop pubbliku, u bil-ħlas ta' indennizz ġust"."

Illi konsegwentement, anke f'dan il-każ, il-fatt illi ġiet stralċjata s-soċjeta' Joe Brown Limited (C 12145) bil-konsegwenza li issa l-esponent tilef il-benefiċċju ta' l-inkwilinat favur is-soċjeta' tiegħu imsemmija jilledi arikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jgħoġobha:

i) Tiddikjara illi bl-istralċ tas-soċjeta' Joe Brown Limited (C 12145) li seħħet bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 325 tal-Kap. 386 bil-konsegwenza illi spiċċa fix-xejn it-titolu ta' lokazzjoni li kellha fuq il-fond 8, Triq Marsamxett, Valletta jilledi d-drittijiet ta' l-esponent qua l-azzjonist kif sanċiti fl-arikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

ii) Tordna konsegwentement illi s-soċjeta' Joe Brown Limited (C 12145) għandha minnufih terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji daqs li kieku qatt ma ġiet stralċjata.

iii) Konsegwentement tħassar tirrevoka u tikkanċella s-sentenzi fl-ismijiet Joseph Brown vs Awtorita' ta' l-Artijiet LM (61/22) kemm tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u tal-Qorti ta' l-Appell fejn l-esponent ġie zgumbrat mill-fond imsemmi.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-Awtorita tal-Artijiet (l-intimata Awtorita') tal-5 ta' Diċembru 2023 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. Illi l-esponenti ser tkun diretta fir-risposta taghha dwar ghalfejn ghal ragunijiet varji r-Rikorrent m'ghandux ragun fil-ligi sabiex iressaq ir-rikors tieghu f'dan l-istadju u f' din l-istanza.

2. Illi huwa ironiku kif l-esponent qieghed jattakka ligi li permezz ta' proceduri ohra quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) huwa qieghed jiprevalixxi ruhu minnha sabiex jirxoxta l-kumpanija Joe Brown Ltd u liema proceduri huwa ressaq fil-Qorti tal- f'Lulju 2022 u cioe' wara d-decizjoni ta' evizzjoni (komunikata permezz t'ittra ufficjali) mehuda mill-esponenti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dwar is-sentenza citata mir-Rikorrent, l-esponenti tikkontendi mhux biss illi tali vertenza ghadha pendent quddiem il-Qorti tal-Appell izda wkoll li l-fatti ta' dak il-kaz kienu kompletament differenti

ghal dak odjern u fejn l-aktar dettal importanti huwa li f'dik il-kawza il-proprjeta' li kienet ttiehdet mill-Gvern in segwitu ghall-istralc kienet proprjeta' privata li tappartjeni lill-atturi. A kuntrarju, fl-istanza odjerna ma ttihditx proprjeta' tal-appellant stante l-kwsitjoni kollha tirrivolvi mar-relazzjoni lokatizja li l-Awtorita' kellha mas-socjeta' (illum defunta) Joe Brown Limited. Ghalhekk fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda dritt patrimonajli li gie miksur u l-Gvern ma ha l-ebda proprjeta'.

4. Illi fil-fatt, dwar dan il-punt, l-esponenti taghmel distinzjoni bejn azzjoni mehuda mill-Gvern ta' Malta (fil-kaz ta' Cortis) u l-azzjoni mehuda mill-Awtorita' tal-Artijiet fil-kaz odjern. Fil-kawza citata mill-appellant huwa l-Gvern li ha l-attiv tal-kumpanija u sar proprjetarju taghha. Fil-kaz odjern m'huwiex il-Gvern li qieghed ihaddem il-Kap 386 biex isir proprjetarju ta' immobbli li ma kienx tieghu, izda hija l-Awtorita' esponenti li qieghda tirriprendi l-pussess ta' proprjeta' taghha permezz ta' evizzjoni ta' terz in segwitu ghall-mewt tas-socjeta' Joe Brown Ltd.

5. Illi fil-kaz odjern, l-azzjoni li hadet l-Awtorita' ma kienetx konsegwenza tat-thaddim tal-Artikolu 325 tal-Kap 386 fejn wara li kumpanija tigi stralcjata l-attiv, inkluz immobbli, jghaddi ghand il-Gvern ta' Malta u jsir proprjeta' tieghu. F'dan il-kaz l-azzjoni ta' evizzjoni li hadet l-Awtorita' ma kellha x'taqsam xejn mat-tehid tal-attiv li seta' jiehu l-Gvern fi proceduri separati kontra Joe Brown Ltd izda kien semplicemenet ezercizzju fejn in segwitu ghall-'mewt' tal-Inkwilina (Joe Brown Ltd) il-proprjetarja (l-Awtorita') riedet tirriprendi l-pussess tal-proprjeta' taghha li kienet qieghda tigi okkupata minn terz (l-appellant) u dan ghamlitu billi *inter alia* bghatet ittra ufficjali fejn giet ikkomunikata lilha it-terminazzjoni tal-kirja.

6. Illi inoltre, fis-sentenza citata, il-fatti tal-kaz kienu wkoll differenti ferm ghaliex kien hemm mewt ta' persuna krucjali fil-kumpanija li in segwitu ghat-telf taghha il-kumpanija ma baqghetx topera. Fil-kaz odjern m'huwiex il-kaz tant illi r-rikorrent mhux biss ghadu haj talli wara li ghamel snin jittraskura dak li kellu jaghmel biex izomm il-kumpanija attiva, issa qieghed iressaq diversi atti gudizzjarji f'tentattiv li jew itawwal il-proceduri odjerni jew li jipprova jirxoxta relazzjoni lokatizja li ilha mejta u liema titolu ma kienx tieghu izda ta' Joe Brown Ltd. Ghalhekk certament illi ma jista' qatt jigi deciz li fil-konfront tar-rikorrent proprio sehhet xi lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu.

7. Illi certament li fil-kaz odjern il-kirja li l-esponenti kellha ma' Joe Brwon Ltd ma tistax tigi rxuxtata anke jekk tigi rxuxtata l-kumpanija. Dan ghaliex kuntrarju ghal dak li sehh fil-kawza l-ohra citata mir-Rikorrent, il-proprjetarja tal-garage in kwsitjoni kienet u ghadha l-Awtorita' esponenti u l-fatt li l-inkwilina (Joe Brown Ltd) waqfet topera u giet stralcjata ifisser awtomatikament li ma setghetx tokkupa l-fond b'kera u ghalhekk giet terminata wkoll il-kirja. Ghalhekk, anke jekk Joe Brown Ltd terga tigi mpoggija fuq ir-Registru tal-Kumpaniji, jekk dan qatt issehh, ma jfissirx li jigu rxuxtati wkoll drittijiet passati li jaffettwaw lil terzi

(f'dan il-kaz l-Awtorita' esponenti) u li kienu gew terminati. Una volta li l-kirja giet terminata, ikunu xi jkunu c-cirkustanzi futuri, il-Kumpanija ma tista' qatt terga tivvanta xi titolu fuq il-fond in kwistjoni

8. Illi finalment l-esponenti tikkontendi li ma kien hemm ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-Rikorrent ghall-proprjeta' privata tieghu ghar-ragunijiet kif fuq spjegat u li hija dejjem agixxiet fil-parametri tal-jeddijiet legittimi taghha.

9. Illi ghalhekk dan ir-rikors ghandu jigi michud bi spejjez interament ghar-Rikorrent.

10. Daqstant l-esponenti ghandha l-unur li twiegeb u thalli ghal gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli qorti.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-Rikorrent ghandhom jigu michuda a spejjez esklussivament tieghu.

Daqstant l-Awtorita' Intimata ghandha l-unur li twiegeb lil din l-Onorabbli Qorti u thalli ghall-gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tas-6 ta' Diċembru 2023 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. Fl-ewwel lok, ir-rikors promotur huwa skorrett sa fejn jagħti x'jifhem li r-rikorrent ġie żgumbrat mill-fond in kwistjoni minħabba li l-isem tal-kumpannija Joe Brown Limited (C 12145) ġie imħassar mir-reġistru skond l-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji. Kif jirriżulta mill-atti tal-proċeduri nru. 61/2022 quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fit-tieni istanza, l-intimata Awtorità tal-Artijiet kienet diġà kisbet titolu eżekuttiv fil-konfront tas-soċjetà Joe Brown Limited għall-iżgumbrament tagħha, biss din ġiet sadanittant mħassra mir-reġistru tal-kumpanniji. Għalhekk, jekk tħassarx l-isem ta' Joe Brown Limited mir-reġistru tal-kumpanniji jew le ma jimporta xejn fuq it-teħid lura tal-fond in kwistjoni.
2. Fit-tieni lok, ir-rikorrent m'għandu l-ebda titolu x'jivvanta fuq il-fond in kwistjoni u għaldaqstant ma seta qatt kien hemm xi interferenza fil-possediment tiegħu kif maħsub fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 1 Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea.
3. Bla preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, il-premessi tat-talbiet rikorrenti ma jinkwadrax ruħhom taħt il-binarji tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għax dan jitkellem dwar teħid ta' pussess. L-effett tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji mhuwiex it-teħid tal-pussess ta' xi possediment jew ieħor iżda t-tħassir ta' soċjetà minn fuq ir-reġistru minħabba li din tkun ġiet abbandunata. L-attiva tas-soċjetà

hekk imħassra jittieħed mill-Gvern proprja għax huwa *bona vacantia*, jiġifieri, beni jew assi bla proprjetarju.

4. Ukoll bla preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, anke jekk għas-saħħa tal-argument kien hemm interferenza tal-Istat f'xi possediment tar-rikorrent, dik l-interferenza hija permissibbli skond l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għax: (a) topera taħt qafas legali għax hawnhekk si tratta kawża taħt l-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji; (b) għandha għan leġittimu li huwa fl-interess pubbliku għax tnaddaf ir-reġistru minn soċjetaijiet abbandunati; u (ċ) hija proporzjonata għax hemm diversi miżuri ta' notifika li r-Reġistratur tal-Kumpaniji jrid jieħu qabel ma jħassar soċjetà minn fuq ir-reġistru u anke wara li dan isir is-subartikolu (4) jagħti żmien ħames snin biex parti interessata titlob li soċjetà terġa' tiddaħħal fir-reġistru.
5. Jekk fil-każ odjern ir-Reġistratur tal-Kumpaniji ma mexiex bir-reqqa ma' dawk il-miżuri li jipprovdi għalihom l-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, mela l-ilment tar-rikorrent ma kellux jiġu ddirezzjonat lejn il-liġi stess u lejn l-Avukat tal-Istat skond l-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
6. Għalkemm il-premessi tar-rikors promotur joqogħdu attenti li ma jallegawx dan u jduru madwar din il-kwistjoni, però huwa manifestament ċar speċjalment mit-tielet talba rikorrenti li dak li qed jittentaw jimpunjaw mhuwiex it-tħassir ta' Joe Brown Limited mir-reġistru tal-kumpaniji iżda l-iżgumbrament mill-fond kemm tal-istess kumpanija u warajha tar-rikorrent azzjonist. Ċertament m'hemm l-ebda leżjoni la tal-Artikolu 37 u lanqas tal-Artikolu 1 Protokoll 1 kemm-il darba l-intimata l-Awtorità tal-Artijiet eżerċitat id-drittijiet tagħha u żgumbrat persuni li kienu qed jokkupaw il-proprjetà tagħha bla ebda titolu.
7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat l-Atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Ir-rikorrent huwa l-uniku direttur tas-Soċjeta' Joe Brown Ltd. Din is-Soċjeta' kellha b'kera mingħand l-intimata Awtorita, il-fond ossia maħżen bl-indirizz ta' 8, Triq Marsamxett, Valletta.

Din is-Soċjeta' hija stralċjata u għalhekk defunta. Kif anke jirriżulta mir-rikors promotur, ir-rikorrent personalment imexxi negozju bl-isem ta' Muscat, 231,

Triq ir-Repubblika, Valletta li jidher ukoll ċar li dan il-maħżen qed jintuża minnu personalment meta kif ingħad il-kirja kienet tispetta lis-Soċjeta' kummerċjali inkwistjoni.

Ġara li l-awtorita' intimata mexxiet kontra r-rikorrent personalmet, li effettivament kien qiegħed jokkupa dan il-maħżen, sabiex jiġi żgumbrat u dan bis-saħħa li jagħtiha l-Artikolu 9 tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti sabiex jirrendi dik l-ittra ineffettiva istitwixxa proċeduri sabiex jirxoxta s-Soċjeta' fuq imsemmija u għalhekk titqiegħed mill-ġdid fuq ir-reġistru u dan presubilment għamel hekk bis-saħħa tal-artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-rikorrent ikkontesta l-ittra uffiċjali fuq imsemmija permezz ta' rikors quddiem It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u b'deċiżjoni ta' dak it-Tribunal ir-rikorrent personalment ġie ordnat jiżgombra. Għamel saħansitra appell minn dik id-deċiżjoni tat-22 ta' Novembru 2023 li ġie miċħud u ġiet ikkonfermata s-sentenza tat-Tribunal.

Minħabba f'hekk ir-rikorrent qiegħed jagħmel dawn il-proċeduri għaliex skond hu, bil-fatt li s-Soċjeta' inkwistjoni ġiet stralċjata ser tkun affettwata avversament inkwantu l-patrimonju tagħha ser jgħaddi għal għand il-Gvern, bl-uniku patrimonju jikkonsisti fil-kirja inkwistjoni.

**Punti ta' Liġi**

Ir-rikorrent qiegħed jinvoka d-dritt fundamentali kif imħares minn artikolu 37 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għaliex bil-kanċellament tas-

Soċjeta’ Joe Brown Limted konsegwentement bħala l-uniku azzjonist ta’ din is-Soċjeta’ sofrew preġudizzju patrimonjali.

Jagħmel ukoll referenza għas-Sentenza **tat-12 ta’ Ottubru, 2023 fl-ismijiet (Carmel Cortis et -vs- L-Onor. Prim Ministru li għadha taħt appell**).

Konsegwentement ir-rikorrent qiegħed ukoll jitlob it-tħassir kenn tas-Sentenzi fuq imsemmija.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tibda biex tirrileva li l-paraguni mas-Sentenza ta’ Cortis suċitata ma hux preċiż. F’dik il-Kawża kienu l-azzjonisti li bdew il-proċeduri mingħajr ma kienu solleċitati minn xi proċeduri oħrajn tal-awtoritajiet. F’dik il-Kawża tassew kien hemm fin-nofs propjeta’ immobbiljari li kienet tappartjeni lis-Soċjeta’ involuta. Fil-każ odjern il-propjeta’ hija tal-Awtoritajiet għalkemm soġġetta għall-kirja li mhux biss hija personali iżda soġġetta anke għat-tħassir, kif fil-fatt jidher li huwa l-ħsieb tal-Awtorita’ inkwistjoni.

Pero l-aktar differenza sostanzjali u li tolqot fil-laħam il-ħaj tal-azzjoni odjerna huwa l-fatt li fil-każ ta’ Cortis kienu għaddew il-ħames snin minn meta s-Soċjeta’ involuta kienet ġiet kanċellata. Dan ifisser li huma ma setgħux jagħmlu proċedura sabiex tkun rissuxxitata s-Soċjeta’ għalhekk fil-każ ta’ Cortis l-assi tas-Soċjeta’ għaddew għand il-Gvern. Għalhekk it-tama tagħhom li jirrisuxxitaw is-Soċjeta’ tagħhom kienet mitmuma.

Mhux fil-każ tar-rikorrent illum. Tant dan huwa minnu li għamel proċedura taħt artikolu 325 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta’ Malta biex is-Soċjeta’ Joe Brown Ltd terġa’ titqiegħed fuq ir-reġistru liema talba llum għadha quddiem il-Qorti tal-

Appell. Jekk din it-talba tintalqa’ “*l-Qorti tista’ bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista’ jkun viċin, KUMPANIJI (KAP. 386. 191) dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f’gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f’Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa’ jidħol fir-reġistru”.* (ara artikolu 325(4) tal-kap 386 tal-Liġijiet ta’ Malta).

Dan ifisser li l-liġi tipprovdi rimedju li huwa effettiv u effikaċi li sal-lum għad jista’ jingħata.

Issa l-Qorti tfakkar li din il-Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha tista’ tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ta’ talbiet jekk jidhrilha li r-rikorrent għandu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju ordinarju li jista’ jagħtih dak li jkun qiegħed jipprova jirraġġunġi permezz ta’ azzjoni Kostituzzjonali. Fil-każ odjern is-sitwazzjoni hija *res ipsa loquitur* fis-sens li din l-azzjoni evidentement teżisti u fil-fatt ir-rikorrent qiegħed jużaha. Huwa għalhekk li l-Qorti tkun mistiedna u mhux mitluba li teżerċita’ il-poteri li jagħtiha l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni għaliex l-azzjoni Kostituzzjonali hija waħda speċjali u straordinarja u ma hiex hemm biex timmina l-ordinament ġuridiku ordinarju.

Għalhekk din il-Qorti tagħraf illi n-nuqqas ta’ eżawriment ta’ rimedji ordinarji hija kwistjoni li tista’ tiġi ssollevata mill-Qorti stess. Hekk per eżempju, fis-

**Sentenza fl-ismijiet Michael Borg vs Onorevoli Prim'Ministru et deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru 2016**, intqal illi:

*"Hu paċifiku li l-akkoljiment o meno ta' eċċezzjoni ibbażata fuq dan il-proviso jew addirittura l-applikazzjoni ex officio tal-proviso hu fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti. Din id-diskrezzjoni għandha tiġi użata bi prudenza biex, min-naħa l-waħda l-Prim'Awla kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ma jiġux inondati b'kawżi li jistgħu jiġu determinati mill-Qrati fil-kompetenza ordinarja tagħhom, u min-naħa l-oħra, ċ-ċitaddin ma jiġix ipprivat mir-rimedji li hu għandu dritt għalihom taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi din l-eċċezzjoni tesprimi s-salvagwardja proċedurali li qabel ma wieħed jintavola kawża kostituzzjonali għandu jeżawrixxi kull rimedju ċivili possibbli u hija intiża biex tħalli r-rimedju kostituzzjonali għal dawk il-kawżi verament meritevoli ta' din il-proċedura speċjali."*

Ma hemm xejn xi jżomm lir-rikorrent li jerġa' jirrikorri għal din il-Qorti wara li jinqata' l-Appell fuq imsemmi jekk ikun avers għalih. Iżda l-Qorti ma tistax ma tosservax li r-rikorrent ma jidhirx li tant jieħu kura tad-drittijiet, tant li bagħqet mistgħaġba kif fir-rikors tiegħu li bih attakka l-ittra uffiċjali tal-intimata Awtorita' quddiem it-Tribunal, fost l-aggravji li jsemmi hemm dak li huwa ma hux il-leġittimu kontradittur peress li l-fond inkwistjoni huwa mikri lis-Soċjeta' Joe Brown Ltd u jgħid ukoll li din għandha titolu validu meta din is-Soċjeta' kienet diġa' stralċjata! Jirriżulta wkoll mill-verbali tal-Kawża biex tkun risuxxitata l-Kumpanija, kien hemm ammont ta' flejjes dovuti lir-Reġistratur li baqgħu ma

tħallsux. Ir-rikorrent ma jistax ma jieħux ħsieb ħwejġu u wara jiġi quddiem dawn il-Qrati jilmenta.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti wara li rat l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni qed tiddeklina milli teżerċita s-setgħa tagħha taħt il-Kostituzzjoni u għalhekk ma tieħux konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti u konsegwentement tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjes għar-rikorrent.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**